

**LIĠI LI TEMENDA L-ARTIKOLI 9, 16, 17, 21
TAL-LIĠI NRU X-931 TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA DWAR IL-KONTROLL
TAĊ-ĊIRKOLAZZJONI TA' OĠĠETTI PIROTEKNIĊI ĊIVILI**

Nru ta' 2023
Vilnius

Artikolu 1. Emenda għall-Artikolu 9

1. L-Artikolu 9(1) huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“1. Tipi ta' liċenzji:

1) liċenzja għall-esportazzjoni, l-importazzjoni, l-introduzzjoni jew il-bgħit ta' oġġetti pirotekniċi ċivili, minbarra kif previst fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu;

2) liċenzja għad-distribuzzjoni ta' oġġetti pirotekniċi ċivili, minbarra kif previst fil-paragrafi 8 u 9 ta' dan l-Artikolu;

3) liċenzja għall-manifattura ta' oġġetti pirotekniċi ċivili fir-Repubblika tal-Litwanja;

4) liċenzja għall-użu ta' logħob tan-nar tal-Kategorija F4, kif ukoll oġġetti pirotekniċi ċivili tal-kategoriji T2 u P2.”

2. Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 9 għandu jiżdied u jaqra kif ġej:

“9. “Attività kummerċjali ekonomika mhux liċenzjata” tfisser l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-introduzzjoni, il-bgħit, id-distribuzzjoni u l-użu ta' oġġetti pirotekniċi ċivili għall-vetturi tal-kategorija P1, inklużi s-sistemi tal-airbag u tal-limitatur ta' qabel it-tensjoni taċ-ċinturin tas-sikurezza.”

Artikolu 2. Emenda għall-Artikolu 16

L-Artikolu 16(1) huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi, organizzazzjonijiet oħra jew is-suddiviżjonijiet tagħhom għandhom jiksbu awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni tal-logħob tan-nar tal-kategorija F2 għal kull sit ta' distribuzzjoni tal-logħob tan-nar tal-kategorija F2, li għandha tinħareġ għal perjodu ta' żmien indefinit. L-entitajiet li għandhom tali awtorizzazzjoni valida għandhom jinnotifikaw lill-awtorità emittenti sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, b'mezzi elettroniċi permezz tal-PEPS, f'konformità mal-proċedura stabbilita minn din tal-aħħar, liema siti ta' distribuzzjoni speċifikati fl-awtorizzazzjoni se jintużaw għad-distribuzzjoni tal-logħob tan-nar tal-kategorija F2.”

Artikolu 3. Emenda għall-Artikolu 17

L-Artikolu 17 jiġi emendat biex jaqra kif ġej:

“Artikolu 17. Restrizzjonijiet fuq l-użu u/jew id-distribuzzjoni ta' oġġetti pirotekniċi ċivili

1. Huwa pprojbit:

1) li jitqassmu oġġetti pirotekniċi ċivili (minbarra logħob tan-nar tal-Kategorija F1 u oġġetti pirotekniċi ċivili tal-Kategorija P1) sa 30 metru mill-iskejjel;

2) li jitqassmu oġġetti pirotekniċi ċivili (minbarra logħob tan-nar tal-Kategorija F1 u oġġetti pirotekniċi ċivili tal-Kategorija P1) fi u sa 30 metru mill-istazzjonijiet tas-servizz li jinsabu fi stabbilimenti kummerċjali;

3) li mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Novembru jitqassam logħob tan-nar tal-kategorija F2, sakemm dan il-logħob tan-nar ma jitqassamx minn entitajiet li għandhom l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' din il-Liġi;

4) li jintużaw oġġetti pirotekniċi ċivili (minbarra logħob tan-nar tal-Kategorija F1 u oġġetti pirotekniċi ċivili tal-Kategorija P1) sa 30 metru minn skejjel, faċilitajiet mediċi u ta' riabilitazzjoni, postijiet ta' qima, kappelli, sakemm ma jkunx miftiehem mal-amministraturi tal-bini (strutturi) jew tal-post, kif ukoll f'postijiet oħra determinati mill-kunsill muniċipali, minbarra l-użu ta' oġġetti pirotekniċi ċivili minn entitajiet li għandhom l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' din il-Liġi u fejn l-użu tagħhom għe miftiehem minn qabel mas-Sindku jew id-Direttur tal-Amministrazzjoni Muniċipali awtorizzat mis-Sindku, u d-Dipartiment tal-Protezzjoni kontra n-Nirien u s-Salvataġġ;

5) jekk dan ifixkel il-paċi pubblika, l-użu ta' oġġetti pirotekniċi ċivili bejn it-22.00 u t-8.00 (minbarra l-btajjel pubbliċi u matul avvenimenti tal-massa awtorizzati mill-awtorità eżekuttiva muniċipali), jew fi kwalunkwe żmien ieħor preskritt mil-liġi jew mill-kunsill muniċipali;

6) li jintużaw oġġetti pirotekniċi ċivili għal finijiet differenti minn dawk li għalihom kienu maħsuba;

7) li jintużaw u/jew jitqassmu oġġetti pirotekniċi ċivili li l-perjodu ta' garanzija (ħażna) tagħhom ikun skada;

8) li jintużaw u/jew jitqassmu oġġetti pirotekniċi ċivili lil persuni li ma għandhom l-ebda dritt li jakkwistawhom u/jew jużawhom;

9) li jintużaw u/jew jitqassmu oġġetti pirotekniċi ċivili lil persuni li huma xurbana jew taħt l-influwenza ta' sustanzi narkotiċi, psikotropiċi jew sustanzi oħra intossikanti;

10) li jużaw u/jew iqassmu oġġetti pirotekniċi ċivili li b'mod ovvjw għandhom ħsara mekkanika jew ta' xorta oħra, deformati, li fuqhom hemm traċċi ta' korrużjoni jew tbajja' likwidi;

11) li jimmanifatturaw, jużaw u/jew iqassmu oġġetti pirotekniċi ċivili bi ksur tar-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Liġi;

12) li jużaw u/jew iqassmu oġġetti pirotekniċi ċivili li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni armonizzata tal-Unjoni Ewropea u fl-atti legali ta' implimentazzjoni tagħhom tar-Repubblika tal-Litwanja li jipprevedu t-twaħħil tal-markatura CE ta' konformità u li ma humiex ittikkettati kif suppost.

2. Il-manifattur, l-esportatur, l-importatur, l-introduttur, l-ispeditur, id-distributur, l-utent ta' oġġetti pirotekniċi ċivili li l-perjodu ta' garanzija (ħażna) tagħhom skada jew li ma humiex sikuri biex jintużaw minħabba ħsara mekkanika jew ħsara oħra, għandhom ikunu obbligati li jgħaddu minnufih lil korp awtorizzat mill-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja biex jinqerdu mingħajr ħlas. L-ispejjeż tal-qerda ta' oġġetti pirotekniċi ċivili għandhom jitħallsu mill-manifattur, l-esportatur, l-importatur, l-introduttur, l-ispeditur, id-distributur jew l-utent tal-oġġetti pirotekniċi ċivili li jkun ippreżenta dawn l-oġġetti biex jinqerdu.

3. Fi żmien xahrejn wara l-iskadenza jew ir-revoka tal-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' din il-Liġi, ir-revoka tal-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(1) ta' din il-Liġi, jew ir-revoka ta' liċenzja msemmija fl-Artikolu 9(1) ta' din il-Liġi, persuna fiżika jew ġuridika, organizzazzjoni oħra jew suddiviżjoni ta' kwalunkwe waħda minnhom, tista' tiddisponi mill-ishma fil-pussess tagħha fil-każ ta' oġġetti pirotekniċi ċivili lid-detentur tal-liċenzja jew tal-awtorizzazzjoni rilevanti.

4. Il-kunsilli muniċipali għandhom jistabbilixxu l-proċedura għall-użu ta' oġġetti pirotekniċi ċivili u għandhom jadottaw deċiżjonijiet dwar il-postijiet speċifikati f'dan l-Artikolu u postijiet oħra fejn l-użu ta' oġġetti pirotekniċi ċivili huwa pprojbit, u ż-żmien li matulu l-użu tagħhom għandu jkun ipprojbit. Meta jieħdu deċiżjonijiet dwar dawn ir-restrizzjonijiet, il-kunsilli muniċipali għandhom iqisu l-fehmiet tar-residenti li t-territorju ta' residenza tagħhom huwa soġġett għal restrizzjonijiet, rekwiżiti ambjentali u s-sikurezza tal-popolazzjoni."

Artikolu 4. Emenda għall-Artikolu 21

L-Artikolu 21 jiġi emendat biex jaqra kif ġej:

“Artikolu 21. Restrizzjonijiet fuq ix-xiri u l-użu ta’ oġġetti pirotekniċi ċivili

1. Il-logħob tan-nar tal-Kategorija F1 jista’ jinxtrata u jintuża minn persuni ta’ 14-il sena jew aktar.
2. Il-logħob tan-nar tal-kategoriji F2 u F3 u l-oġġetti pirotekniċi ċivili tal-kategoriji T1 u P1 jistgħu jinxtraw u jintużaw minn persuni ta’ 18-il sena jew aktar.
3. Il-logħob tan-nar tal-Kategorija F4, l-oġġetti pirotekniċi ċivili tal-kategoriji T2 u P2 jistgħu jinxtraw, jintużaw u jitqiegħdu fis-suq minn pirotekniċi biss.
4. L-oġġetti pirotekniċi ċivili (minbarra l-logħob tan-nar tal-kategorija F1) jistgħu jitqassmu b’mezzi elettroniċi biss jekk l-oġġetti mixtrija jiġu kkonsenjati mid-detentur tal-liċenzja msemmija fl-Artikolu 9(1)(1), (2) jew (3) ta’ din il-Liġi. F’dan il-każ, l-identità (rekwiżit tal-età) tal-persuna li takkwista l-oġġetti pirotekniċi ċivili, iċ-ċertifikat tal-piroteknika (fil-każ ta’ logħob tan-nar tal-Kategorija F4 jew pirotekniċi ċivili tal-kategoriji T2, P2), għandha tiġi vverifikata qabel il-konsenja tal-oġġetti pirotekniċi ċivili, jew mhux aktar tard minn meta ssir il-konsenja.
5. L-oġġetti pirotekniċi ċivili għall-vetturi tal-kategorija P1, inklużi s-sistemi tal-airbag u tal-limitatur ta’ qabel it-tensjoni taċ-ċinturin tas-sikurezza, ma għandhomx jitqassmu lill-pubbliku sakemm dawn l-oġġetti pirotekniċi għall-vettura ma jkunux integrati fil-vettura jew f’parti li tinqala’ tal-vettura.
6. L-użu ta’ oġġetti pirotekniċi ċivili għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-istruzzjonijiet għall-użu ta’ dawn l-oġġetti.”

Artikolu 5. Dħul fis-Seħħ, Implimentazzjoni u Użu tal-Liġi

1. Din il-Liġi, minbarra l-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2024.
2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja jew istituzzjoni awtorizzata minnu u l-kunsilli municipli għandhom jadottaw atti legali li jimplimentaw din il-Liġi sal-31 ta’ Ġunju 2024.
3. B’effett mill-1 ta’ Lulju 2024, is-segwenti maħruġa qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din il-Liġi ma għandhomx jibqgħu validi:
 - 1) awtorizzazzjonijiet għall-manifattura u l-ħażna tal-kategoriji kollha ta’ oġġetti pirotekniċi ċivili f’postijiet fejn id-distribuzzjoni ta’ oġġetti pirotekniċi ċivili hija pprojbita minn din il-Liġi;
 - 2) awtorizzazzjonijiet għall-ħażna tal-kategoriji kollha ta’ oġġetti pirotekniċi ċivili f’postijiet fejn id-distribuzzjoni ta’ oġġetti pirotekniċi ċivili hija pprojbita minn din il-Liġi;
 - 3) awtorizzazzjonijiet għad-distribuzzjoni tal-logħob tan-nar tal-kategorija F2 f’postijiet fejn id-distribuzzjoni ta’ oġġetti pirotekniċi ċivili hija pprojbita minn din il-Liġi.
4. Il-logħob tan-nar tal-kategorija F2 imqiegħed fis-suq qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din il-Liġi u li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-immarrar tal-età fis-seħħ qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din il-Liġi huwa disponibbli għall-bejgħ.

B’dan niddikjara li din il-Liġi għaddiet mis-Seimas (il-Parlament Litwan) tar-Repubblika tal-Litwanja.

Il-President tar-Repubblika